MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 100/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)

Vs

Raymond Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' NR Excavation Work Limited u bhala persuna registrata mal-Kummissarju ta' t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta' Novembru 2001, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruhu mal-ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta' sitt (6) Liri Maltin ghal kull jum

li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju, 2003 li biha wara li rat l-artikolu 76 ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-penali ta’ elfejn disa’ mija w ghaxar Liri Maltin (LM2,910) multa rapprezentanti l-perjodu bejn id-9 ta’ Jannar, 2002 u t-8 ta’ Mejju, 2003 salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata in kwantu tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’:- I . fil-kaz odjern si tratta ta’ att ta’ ommissjoni ossia l-appellant ma dahhalx kif tirrikjedi l-ligi il-Vat Return fit-terminu prefiss mill-Qorti tal-Magistrati w f’dan ir-reat iridu jissussistu l-mens rea w l-actus reus; 2. l-appellant kien jaf li jekk jonqos milli jottempera ruhu ma dik is-sentenza kien ser jerga’ jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex iwiegeb ghall-akkuza kontra tieghu kif fil-fatt gara. 3. Illi l-appellant ipprezenta r-return fl-ahhar jum ghax kien qed jipprova jsib mezz kif ser ihallas stante li mill-1999 kellu mandati kawtelatorji kontra tieghu w minhabba dis-sitwazzjoni li fuqha ma kellux kontrol , spicca biex ma setax jottempera ruhu mas-sentenza tat-8 ta’ Novembru, 2002; 4. Illi ghalhekk l-appellant kien fl-impossibilita’ li jottempera ruhu mall-ordni tal-Qorti minnhabba cirkostanzi li kienu jaghmluha mpossibbli ghalih li jaghmel dan . Fil-fatt dawn l-erba aggravji mhumiex erba imma aggravju wiehed u cioe’ dak tal-impossibilita’ fizika li jottempera ruhu mall-ordni tal-Qorti .

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet lill-appellant bil-gurament fl-udjenzi tat-3 u tad-9 ta’ Lulju 2003;

Rat id-dokumenti esebiti fuq ordni tal-Qorti ;

Ikkonsidrat :

Illi mhux kontestat li l-appellant fit-terminu li kien inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali , biex jipprezenta return tal-Vat u jhallas kull ammont ta’ taxxa fuq il-valur mizjud ghall-periodu in kwistjoni , naqas li jaghmel dan ghax fil-waqt li pprezenta r-return proprju fl-ahhar jum possibbli , dak in-nhar ma ghamel ebda pagament tat-taxxa dovuta.

Ir-raguni li jadduci l-appellant bhala skuzanti ghan-non ottemperanza tieghu hija l-impossibilita’ fizika li jaghmel dan minhabba mandati kawtelatorji li kienu nhargu kontra tieghu . Dan huwa l-bazi tal-aggravju tieghu fir-rigward tas-sentenza appellata.

Illi mix-xiehda tal-appellant quddiem din il-Qorti rrizulta li l-appellant jahdem ghal rasu bhala kuntrattur ta’ excavation u demolition u beda biex jghid li ghadu jahdem sal-lum fuq bazi ta’ cash . L-ammont in kwistjoni ta’ Lm918. hu kien hallsu fl-24 ta’ Mejju, 2003 – kif anki gie konfermat mir-rapprezentant tad-Dipartiment bil-gurament. F’Jannar tas-sena 2002 meta suppost hallas dan l-ammont l-appellant xehed li kien qed jahdem ftit u ma setax ihallas dak l-ammont dak iz-zmien. Hu ma ghandux cheque book u l-flus kollha li jkollu ma jpoggihomx fil-bank. F’dawk ix-xahrejn kien hadem lil zewgt ahwa w ghamillhom b’ LM6000 xoghol u ghadu ma thallasx sal-lum u lanqas ikejjlu ma jridu. Meta umbaghad gie pressat mill-Qorti li ladarba bis-sekwestru ma kien inqabadlu xejn fil-banek , hu xorta seta’ jhallas, l-appellant mar lura fuq il-versjoni tieghu w xehed li dak iz-zmien kien qed jahdem bic-cheque book . Ghalhekk il-Qorti ordnatlu li jipproduci c-cheque book u statements tal-banek ghall-periodu in kwistjoni biex ikunu jistghu isiru l-verifiki mehtiega.

Illi l-art. 27 (1) tal-Att XXIII ta’ l-1998 jiddisponi li :-

“kull persuna registrata li ma tkunx persuna ezenti ghandha taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull

zmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara ix-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta' taxxa relattiva."

u l-art. 76 (c) jiddisponi li :-

"kull persuna li :- (c) tonqos milli taghmel denunzja ta' taxxa jew kull denunzja addizzjonali , dikjarazzjoni jew taghti taghrif jew li iggib kotba , dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet , jew tonqos milli thallas xi taxxa jew penali amministrattiva , meta tkun mehtiega taghmel dan bis-sahha ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul bis-sahha ta' dan l-att , tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja , multa ta' mhux inqas minn mitt lira (LM100) u mhux izjed minn tlitt mitt lira Maltin (LM300) u, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tordnalha biex tikkonforma ruha mall-ligi fi zmien bizzejjed biex tkun tista' taghmel dan , izda f'kull kaz mhux aktar minn tlitt xhur u , fin-nuqqas, min jaghmel ir-reat , ikollu jhallas multa ohra ta' mhux inqas minn zewg liri u mhux izjed minn ghaxar liri ghal kull zmien li matulu jkompli n-nuqqas, wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti."

Kien ghalhekk li wara li l-appellant kien naqas li jibghat din id-denunzja w jhallas it-taxxa relattiva ghall-periodu in kwistjoni, li l-appellant ittella l-Qorti u gie moghti xaharejn zmien biex jottempera ruhu . Dan m'ghamlux ghax it-taxxa dovuta baqa' ma hallasiex u ghalhekk il-Qorti fit-tieni sentenza u cioe' dik appellata kkundannatu li jhallas il-penali sa dak in-nhar tas-sentenza , b'kollox ammontanti ghal LM2910.

Issa huwa risaput li persuna registrata suppost li tkun diga gabret it-taxxa minnghand min ikun hallasha ghas-servizzi taghha u hi obbligata umbaghad li tghaddi din it-taxxa li tkun diga gabret lid-Dipartiment flimkien mad-denunzja ghall-periodu relattiv. Mela l-ammont li l-persuna registrata tkun diga gabret ma ghandux ikun hemm raguni ghala ma tkunx f'pozizzjoni li thallsu lill-erarju , ghajr jekk tkun inkonsultament iddisponiet minnu ghal xi ghan iehor.

L-appellant pero' qed isostni li hu ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel dan ghax b'effett ta' mandati kawtelatorji mahruga fil-1999 , meta gie biex jibghat ir-return ghaz-zmien ta' taxxa li intemm fil-31 ta' Dicembru, 1999 , u cioe' sal-15 ta' Frar, 2000, ma kellux fondi. Pero' mill-kopja tal-mandat ta' sekwestru 1917/00 esebit fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti , jidher li dan gie biss prezentat fil-31 ta' Mejju, 2000 u ghalhekk ma setax kien il-kawza tan-nuqqas inizjali tal-appellant li jibghat id-denunzja w jhallas it-taxxa sal-15 ta' Frar, 2000 u cioe' tlitt xhur qabel il-hrug ta' dal-mandat.

In ogni caso , ladarba l-ewwel sentenza ghaddiet in gudikat , l-appellant triq wahda kellu w cioe' dik li jhallas entro t-terminu ta' xaharejn ordnat minn dik il-Qorti.

Din il-Qorti ssibha difficli ferm li temmen li kuntrattur bhal ma hu l-appellant li jahdem fuq bazi ta' cash , f'intervall ta' sena w hdax il-xahar u cioe' bejn il-15 ta' Frar, 2000 , meta suppost ghamel id-denunzja w l-hlas u t-8 ta' Jannar, 2002, meta skada l-periodu ta' xaharejn lilu moghti mill-Ewwel Qorti fl-ewwel sentenza biex jottempera ruhu , ma jkunx warrab fil-gemb somma li fiha nnifisha mhux kbira wisq ta' Lm918.00c. una volta rrizulta li tul daz-zmien baqa' jahdem bi qliegh u fuq bazi ta' "cash".

Mill-ezami tad-dokumenti esebiti mill-appellant fit-tieni udjenza ta' dan l-appell,  jirrizulta illi meta nhareg il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kull ma kellu l-appellant il-bank kien wiehed u erbghin lira Maltin fil-Bank of Valletta w ghalhekk zgur li ma giex menomat serjament fis-sitwazzjoni tal-likwidita' tieghu bhala effett ta' dan il-mandat.  Mill-banda l-ohra jidher li fl-istess zmien li hu kien inghata mill-Ewwel Qorti biex ihallas it-taxxa dovuta, hu baqa' jhallas puntwalment ammonti li kellu jaghti lill-HSBC in restituzzjoni ta' self ta' cirka tlett mija u tletin lira kull xahar bla ebda diffikulta'.

Ghalhekk jidher li tul dan il-perjodu l-appellant ma kienx sprovvist minn fondi w setgha,  kieku ried,  hallas it-taxxa fuq il-Valur Mizjud minnu dovuta.

Illi umbaghad apparti li din il-Qorti mhux sodisfatta li l-appellant kien fl-impossibilita' fizika li jwettaq l-obbligi tieghu skond l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Novembru, 2001 fil-periodu in kwistjoni , kif isostni ANTOLISEI fil-"Manuale di Diritto Penale" {Parte Generale, Giuffre' (Milano) 1989, p.376.} , l-opinjoni prevalenti bejn l-awturi Taljani hi li l-eccezzjoni jew difiza tal-impossibilita' ma tistax tigi ammessa bhala kawza generali li telimina l-kolpevolezza .(App. Krim. Pul. vs. Kang Se Il , 28.7.94 per V. De Gaetano J.) .

Ghalhekk , apparti li din il-Qorti thoss li l-appellant seta' ukoll facilment ghamel dak li spicca ghamel biss fl-24 ta' Mejju, 2003, meta effettivament hallas is-somma ta' LM918 , entro it-terminu li kienet ordnat l-ewwel Qorti bis-sentenza originali taghha tat-8 ta' Novembru, 2001 u li ma kien hemm ebda impossibilita' fizika biex dan isir da parti tal-appellant, l-istess appellant addirittura wera certa nonkuranza fil-gestjoni tal-affarijiet fiskali tieghu w jidher li meta irrejalizza li kien ser ikollu jhallas il-penali li ghaliha gie kundannat bis-sentenza appellata tat-8 ta' Mejju, 2003 , ma halliex wisq zmien biex spicca mar ihallas fl-24 tal-istess xahar. Hawn malajr spiccat l-insolvenza allegata tal-appellant.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Gauci " [30.5.2003 ], "Il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , bhal hafna ligijiet fiskali ohra , hija rigoruza ghall-ahhar fl-esekuzzjoni w implimentazzjoni taghha w c-cittadin li ma jirrispettax it-termini minnha mposti hu soggett ghall-pieni w penali li f' hafna kazijiet huma irriversibbli . Ghalhekk hu fl-interess tac-cittadin li jikkonforma ruhu ma dawn it-termini." Umbaghad , di piu' meta jkun hemm ordni ta' Qorti li tordna hlas entro certu terminu , dak it-terminu irid jigi rispettat.

Dak li l-appellant ghamlu biss fl-24 ta' Mejju, 2003, fil-fehma ta' din il-Qorti , seta' ghamlu ferm u ferm qabel u b'hekk ma kienx jinkorri din il-penali . Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravju tal-impossibilita' fizika huwa nfondat u ma jreggix.

Illi stabilit dan , idejn din il-Qorti huma marbutin bil-ligi w ma tistax tirriduci l-penali mposta b'sentenza li ghaddiet in gudikat , u ladarba ma jidhrux fondati l-aggravji tal-appellant, trid tillimita ruha filli tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata .

Il-Qorti pero' tordna li l-ammont dovut skond is-sentenza appellata ta' Lm2910 jigi imhallas fi zmien tlitt snin f'pagamenti mensili ta' LM81 pagabbli mhux aktar tard mid-disgha (9) jum ta' kull xahar , l-ewwel pagament fid-9 ta' Awwissu, 2003 , u b'dana li jekk ma jsirx hlas puntwalment ta' xi wahda mir-rati , l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufieh u jekk ma jigix hekk imhallas jigi konvertit f' terminu karcerarju skond il-ligi a tenur tal-artikoli 14(2) u 11 (3) tal-Kap.9 .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------